MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2010

Numru 947/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond Borg)**

**Versus**

**John Busuttil**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra John Busuttil ta' 46 sena bin Michael u Olga nee Schmebri, imwieled il-Pieta' fl-1 ta' Novembru 1958 u joqħgod fil-fond 18 Ta' Giovanna Tirq l-Egrett l-Isfar Ħal-Farruġ limiti ta' Ħal-Luqa u detentur tal-karta tal-identita' numru 711758 (M)

Akkużat talli

a) Nhar it-22 ta' Ġunju 2005 u fix-xhur ta' qabel dina d-data, iffalsifika att awtentiku jew pubbliku b'falsifikazzjoni

jew bdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħoloq pattijiet, dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien flaz minn obbligi, jew billi daħħal dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obblig f'dawn l-atti, skritturi wara li jukun ġew iffirmati, inkella billi żied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk il-fatti jew skirtturi kellhom ikollhom fihom u dana bi ksur tal-aritkolu 183 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

b) U aktar talli fix-xhur ta' qabel u nhar it-22 ta' Ġunju 2005 saq vettura tal-għamla Toyota, mudell Light Ace', bin-numru ta-reġistrazzjoni mhux magħrufa, mingħjr ma keient liċenzjata mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mid-Direttur tad-Dipartiment tal-Liċenzji u b'hekk ma kinitix assigurata kontra terzi persuni ma' kumpannija tal-assigurazzjoni u dana bi ksur tal-artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta;

ċ) Talli fl-istess lok, data, ħin u ċirkustanzi, xejentement issoprima jew b'xi mod ieħor qered jew biddel traċċi jew l-indizji tar-reat u dana bi ksur tal-artikolu 111(2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

d) Kif ukoll talli sar reċidiv b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta leima saru definittivi;

e) Barra minn hekk talli kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Maġistrat Dr Giovanni Grixti LL.D. fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) leima kundizzjonijiet saru effettivi fl-24 ta' Frar 2005.

2. Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi ċ-ċertifikat tat-twelid li jġib in-numru 7117 tas-sena 1958, il-fedina penali tal-imputat (fol 4), il-kunsens tal-Avukat Ġenerali u dak tal-imputat sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji, id-digriet tal-Qorti li bih awtorizzat lil Edrich micallef jirtira n-number plates (fol 7 u 8), id-dikjarazzjoni tad-difiża li bih eżentat lill-Prosekuzzjoni milli ttella' x-xheida tal-istqarrija (fol 8), l-istqarrija tal-imputat (fol16), sett ta' erba' ritratti a fol 33, is-sentenza omgħġtija fil-konfront tal-imputat (ara fol 35) fl-24 ta' Frar 2005 li biha kien liberat b'kundizzjoni għal tliet snin, il-current incident report a fol 40, dokument

iffirmat mill-imputat a fol 42, u d-dikjarazzjoni tad-difiża li fih iddikjarat li kienet għalqet il-provi (fol 59).

3. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

4. Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

5. Skond l-Ispettur Jesmond Borg, kien sar rapport li l-imputat kien qed juża karozza bil-pjanċi tar-reġistrazzjoni u bil-liċenzja ta' vettura oħra. Meta marru l-Pulizija fuq il-post, instabet il-karozza tal-għamla Toyota u l-mudell Lite-Ace li dak il-ħin ma kellhiex numri tar-reġistrazzjoni mwaħħlin mal-vettura. Mal-windscreen kien hemm liċenzja tat-triq li kienet issejjeħ numru tar-reġisirazzjoni AAF 898. Il-liċenzja ma kenitx rinnovata. Il-liċenzja kienet ta' karozza tal-għamla Daewoo mudell racer. L-imputat qal li ma keinx qed jagħmel użu mill-vann u li l-pjanċi tar-eġsitrazzjoni ta' dan il-vann kienu garaxxjati dak iż-żmien.

6. Fil-front garden il-Pulizija sabu l-pjanċi tal-vettura AAF 898 mgħawġin u moħbijin. L-imputat kien qal li din il-vettura kien qed isirlha xi xogħol ta' panel beating u li kienet iggaraxxjata. (fol 12). Din il-vettura kienet issejjaħ lil mart l-imptuat stess – Anna Marija Busuttil.

7. Dawn il-pjanċi keinu ppreżentati formalment fl-Awla.

8. Fl-istqarrija tiegħu (fol16 datata 8 t'Ottubru 2005), l-imptua tkien qal li huwa kella vann abjad tal-għamla Toyota mudell Light Ace. Dan ilv-ann kellu n-numri ggraxxjati peress li kellu daqqa kbira qabel ma kien xtrah. Is-sid kellu jdawwar it-transfer fuq min jixtri l-vann. Il-vann kien ilu għand l-imputat madwar ħames xhur. Huwa qal li fit-22 ta' Ġunju 2005 il-vettura kienet ipprakjata fi Triq l-Egrett l-Isfar ġewwa Ħal-Farruġ fit-triq fejn joqgħod l-imputat. L-imputat ma keinx juża l-vann u kien tħalal fit-triq fejn setgħu jarawh in-nies.

9. L-imputat qal li l-vann ma kellux liċenzja u lanqas assigurazzjoni tat-triq għaliex in-numri kienu ggraxxjati.

10. L-imputat qal ukoll li huwa kellu vettrua tal-għamla Daewoo, mudell Racer li ġġib in-numru tar-reġistrazzjoni AAF-898. Dan il-vann kien reġistrat fuq martu.
11. Huwa nnega li fuq il-vann mudell Light Ace nhar it-22 ta' Ġunju 2005 kein hemm imwaħħlin in-numri tar-reġistrazzjoni AAF-898. (Ara wkoll ir-ritratti a fol 33) L-imputat ma ftakarx li kien hemm il-liċenzja li ġġib l-istess numru.

12. Żied jgħid li jekk il-liċenzja kieent imwaħħla mal-vann, din lanqas kienet tajba għaliex kienet diġa' għalqet.

13. In-number plates li kienu sabu moħbijin il-Pulizija kien ħbiehom l-imputat stess biex ma ssibhomx martu. Huwa nnega li n-number plates kienu mwaħħlin fuq il-vann Toyota.

14. Il-vann Daewoo kien fil-garaxx waqt il-ħin tal-ispezzjoni.

15. L-imputat innega li huwa kien għamel xi użu mill-vann Toyota imsemmi.

**Xhieda Oħra tal-Prosekuzzjoni**

16. Xehed Christopher Darmanin in rappreżentanza tad-Direttorat tal-liċenzji li kkonferma li l-vettura Daewoo Racer AAF 898 tgħajajt lil Anna Marija Busuttil (fol 19).

17. Mart l-imputat għażlet li ma tixhidx . L-artikolu 635 tal-Kap 9 jipprekludi li mart l-imputat tixhed jekk ma jkunx hemm waħda mill-fatturi indiakti fl-istess artikolu.

18. Xehed PS 1495 Joe Muscat li qal li huwa kien niżel fuq il-post Triq l-Egret l-Isfar Ħal-Luqa u kien sab Toyota mingħajr pjanċi. Mal-windscreen kien hemm road licence skaduta ta' vettura oħra – vettura Daewoo li fuqha kein hemm in-numru AAF 898. L-imputat kien qal lil dan ix-xhud li l-vann kien użah ftit mingħajr ma kellu l-pjanċi

mwaħħlin (fol 26). Ix-xhud kien sab il-pjanċi fil-front garden. Dwar il-vann hwua kein qal li dan kien xtrah wara xi ħabta u rranġah. Huwa kellu Daewoo li kein qed idurha biż-żebgħa. Filfatt il-pjanċi kienu jgħjtu lilu stess pero' vettura oħra. L-imputat kien qal li sakemm kien qed idur 'dik' għamel użu minn dawn il-pjanċi. (fol 26).

19. L-ispettur Stephen Mallia ikkonferma li kien l-uffiċjal Prosekutur fis-sentenza esbita. Huwa għaraf lill-imputat.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

**L-ewwel Imputazzjoni**

20. Il-Qorti ma tsitax issib lill-imputa ħati ta' falsifikazzjoni ta' xi document. Huwa la biddel xi document u lanqas għamel xi wieħed falz 'ex novo.'

21.Biex ikun hemm il-falsifikazzjoni jinħtieġ li jkun hemm (a) dokument; (b) li jew ikun hemm 'counterfeiting' (contraffacimento) jew it-tibdil (alterazione) ta' document ġenwin.

22. Minħabba li l-Liġi Maltija ma tagħtix definizzjoni ta' 'Falsifikazzjoni', il-Professur Mamo fin-Noti tiegħu[1] jikkwota lill-awtur Pessina kif ġej:

'I mezzi onde al vero si puo' sostituire cio' che non e' tale si riducono sempre a due, come il formare ex integro un imitazione o il modificare qualche obbietto, qualche atto, qualche scrittura vera di guisa che per effetto della trasformazione indichi tutt'altro che il vero. Il primo modo piglia nome di contraffacimento dove che l'altro dicesi alterazione.'

[1] Prof.Mamo Anthony Notes on Criminal Law Part II paġina 153

23. Għal x'għandu jitqies bħala dokument, il-Qorti tirreferi għal dak li qalet il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-każ: ' Il-Pulizija versus Paul Galea' nhar is-17 t'Ottubru, 1997. F'dak il-każ il-Qorti kienet qiset bħala 'dokument' 'kull fejn hemm kitba, attribwibbli għal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni espożizzjoni ta' fatti jew dikjarazzjoni ta' volonta'. B'kitba wieħed ma jifhimx biss is-sinjali alfabetiċi iżda tinkludi dawk numeriċi, stenografiċi u anke kriptografiċi, basta li dik il-kitba tesprini ħsieb li jkun jiftiehem minn kulħadd jew minn ċertu numru ta' nies. Il-ktiba f'dan is-sens tista' ssir kemm bl-id kif ukoll b'mezzi mekkaniċi, b'mezz indelibbli jew li jista' jitħassar u fuq kwalsiasi mezz li jista' jieħu imqar temporanjament il-messaġġ.

24. Abbażi ta' din id-dottrina, l-irċevuta fiskali u t-tax invoice jistgħu jitqiesu bħala dokument.

25. Fl-istess kaz il-Qorti segwiet id-dottrina dwar il-falso ideologico u il-falso materiale abbraccjata kemm minn Antolisei kif ukoll minn Manzini. Fi kliem Manzini jkun hemm falzita' materjali meta d-dokument ikun wieħed mhux ġenwin (jiġifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur reali tad-dokument jew meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-forma definittiva tiegħu). Min-naħa l-oħra l-falz ideoloġiku meta għalkemm id-dokument ikun ġenwin 'non e' veridco, perche' colui che lo ho formqto gli fa dire cose contrarie al vero.'

26. L'Antolisei jelabora fuq dan il-punt u jgħid:

'Dal fin qui detto si desume che il falso materiale, in quanto ewsclude la genuinita' del documento, puo' presentarsi solo in due forme: nella forma della contraffazzione, la quale si ha allorche' il documento e' posta in essere da persona diversa da quell ache provenga, e nella forma dell'alterazione, la quale si verifica quando il documento, redatto dall'autore apparente, ha subito una di quelle modificazione di cui or ora abbiamo parlato.'[2]

[2] Antolisei F. Manuale di Diritto Penale Parte Speciale II pagina 606

27. Il-Professur Mamo jikkwota wkoll b'approvazzjoni dak li jgħid l-awtur Ingliż Kenny.

***'Accordingly an instrument is not a forgery when it merely contains statements which are false, but only when it falsely purports to be itself that which it is not….Thus a forgery is a document which not only tells a lie, but tells a lie about itself.'*** [3]

28. L-istess kummentatur jirreferi għad-dottrina Taljan msemmija aktar 'il fuq fejn jingħad 'that the forgery must be in the 'materialita' della scrittura', that is, the public or private writing in its external conditions as a document.' [4]

29. Il-punt li jitkellem fuqu Kenny joħroġ minn dan il-bran li jidher fl-edizzjoni ta' l-Archbold ta' l-1997[5] :

***'The concept of forgery and the rationale of the offence were summarised in paragraphs 41 to 43 of the Law Commission Report:***

***'By the middle of the nineteenth century it was established that for the purpose of the law of forgery the fact that determined whether a document was false was not that it contained lies, but that it told a lie about itself. It was in R versus Windsor (1865) that Blackburn J said: 'Forgery is the false making of an instrument purporting to be that which it is not, it is not the making of an instrument which purports to be what it really is, but which contains false statements. Telling a lie does not become a forgery because it is reduced into writing.' This test was applied in the Court of Appeal in R versus Dodge and Harris……. As we have said…the primary reason for retaining a law of forgery is to penalise the making of documents which, because of the spurious air of authenticity given to them are likely to lead to their acceptance as true statement of the facts related in them. We do not***

---

[3] Prof Mamo Anthony Notes on Criminal Law Part II pagina 161
[4] Professur Mamo Anthony op.cit. pagian 161.
[5] Archbold ed.1997 paġina 1901 22-8

***think that there is any need for the extension of forgery to cover falsehoods that are reduced to writing ….The essential feature of a false instrument in relation to forgery is that it is an instrument 'which tells a lie about itself' in the sense that it purports to be made by a person who did not make it (or altered by a person who did not alter it )or otherwise purports to be made or altered in circumstances in which it was not made or altered.***

***In R versus Moore the House of Lords construed the 1981 Act in accordance with the concept of forgery set out in the Law Commission Report.'***

30. Il-Qorti ħasset li kellha tidħol a fondo f'din il-problema minħabba li waqt li l-każistika tal-Qrati tagħna kemm-il darba daħlet primarjament f' żewġ kwistjonijiet (i) jekk dokument hux pubbliku jew privat ( Ara fost l-oħrajn: ' Il-Pulizija versus Carmelo Borg 26 ta' Jannar 1984 dwar jekk bank draft tas-Central Bank kienx dokument pubbliku jew le, 'Il-Pulizija versus Paul Bonnici' tat-30 ta' Ġunju 1961dwar jekk liċenzja tas-sewqan hix dokument pubbliku jew le u 'Il-Pulizija versus Patrick Spiteri' (22 t'Ottubru, 2004 dwar l-elementi ta' document pubbliku) jew (ii) jekk xi oġġett hux dokument jew le (Ara: Regina versus SQ et 13 ta' Diċembru, 1954 u Il-Pulizija versus Paul Galea (ritratt ta' landrover ta' l-imputat appellant bin-numru K-2128 flok il-veru B-0544).

31. Fil-każ odjern il-Qorti ma tistax tasal għall-konlużjoni li l-imputat ħoloq xi strument ex integro kif sar fil-każ li għadu kif issemma. . Il-Qorti lanqas tirravviża li l-imputat biddel xi ħaġa li kien hemm fid-dokument. Għalhekk ma tistax tgħid li l-imputat għamel xi falsifikazzjoni la hu la ħoloq ex integro u lanqas biddel id-dokument. Isegwi li l-Qorti qed tillibera lill-imputat mill-ewwel imputazzjoni.

**It-Tieni Imputazzjoni**

32. Ix-xhieda ewlenija tal-Prosekuzzjoni tikkonsisti f'dak li xehed PS 1495 Joe Muscat li mar fuq il-post fit-23 ta' Ġunju 2005 u

Sab

(a)il-vann Toyota mingħajr pjanċi;
(b) Mal-windscreen sab road licence ta' vettura oħra – Daewoo AAF 898
(ċ) Sab il-pjanċi fil-ġnien tal-imputat

Sema' lill-imputat stess jgħid:

(d) li l-vann kien użah ftit mingħajr ma kellu pjanċi mwaħħlin
(e) li sakemm kien qed idur 'dik' għamel użu minn dawn il-pjanċi (jiġifieri tad-Daewoo AAF 998)

33. Din ix-xhieda mhix 'hearsay' għaliex qalha l-imputat direttament lix-xhud tal-Prosekuzzjoni.

34. Minn dan jirriżulta li l-imputat kien għamel użu mit-Toyota mudell Light Ace bi pjanċi li kienu ta' ta' vettura oħra.

35. Skond l-imputat huwa kien xtara l-vann Toyoita xi ħames xhur qabel u li fit-22 ta' Ġunju 2005 kien ipparkjat fit-triq.

36. Minn dak li qal l-imputat lill-PS 1495 Joe Muscat u minn dak li stqarr l-imputat innifsu dwar iż-żmien meta xtara l-vann, jirriżulta li huwa kien uża dan il-vann bla pjanċi u bla liċenzja tiegħu fit-23 ta' Ġunju 2005 u fix-xhur ta' qabel.

37. Id-data indikata fit-tieni imputazzjoni hija: 'fix-xhur ta' qabel u fit-22 ta' Ġunju, 2005'. Għalhekk isegwi li huwa għamel użu mill-vann Toyota mudell Light Ace 'mingħajr pjanċi' u b'liċenzja ta' vettura oħra fil-perjodu indikat. Għalhekk il-Qorti qed issibu ħati tat-tieni imputazzjoni.

**It-Tielet Imputazzjoni**

38. Il-Qorti mhix issib li din l-imputazzjoni kienet ippruvata soddisfaċentement u 'l hemm minn kull dubju dettat mir-

raġuni. Għalhekk qed tillibera lill-imputat mit-tielet imputazzjoni.

**Ir-raba' Imputazzjoni - Reċidiva**

39. Ebda sentenza ta' reċidiva ma kienet ippreżentata għaleix l-unika sentenza fiha liberazzjoni b'kundizzjoni. Għalhekk il-Qorti qed tillibera lill-imputat mir-raba' imputazzjoni.

**Il-Ħames Imputazzjoni**

40. Is-sentenza ta' conditional discharge ingħatat fl-24 ta' Frar 2005. Minħabba li l-imputat seta' uża l-vann qabel ma ngħatat din is-sentenza, hemm dubju raġonevoli jekk l-imputat kisirx il-kundizzjoni tas-sentenza ppreżentata fl-atti. Għalhekk il-Qorti qed tillibera lill-imputat mill-ħames imputazzjoni.
. .
**Konklużjoni**

Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 183 tal-Kap 9, 15(1)(a) tal-Kap 65 ,3(2)(a) tal-Kap 104, 11(2) tal-Kap 9, 49 u 50 tal-Kap 9 u 23 (1)(a) tal-Kap 446 qed issib lill-imputat ħati tat-tieni imputazzjoni u qed tilliberah mill-ewwel, mit-tielet, mir-raba' u mill-ħames imputazzjoni u qed tikkundannah iħallas multa ta' €2387 liema multa tista' tiħallas b'rati ta' €200 fis-xahar bl-ewwel pagament jitħallas fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Fin-nuqqas ta' ħlas ta' xi pagament, il-bilanċ jitħallas f'daqqa. Jekk xi parti minn din il-multa ma titħallasx, din għandha tinbidel skond il-Liġi basta ma jinqabiżx it-tliet xhur. (Ara artikolu 11(3)(proviso)).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------